TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/364/11/S

<u>Michelle Pace, Charlton Seychell, Sonia Chetcuti, Joseph Seychell u Raphael Micallef</u>

<u>Vs</u>

<u>D&S Lifts Maintenance Ltd.</u>

Illum 11. t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michelle Pace pprezentata fis-26 t'Awwissu,2011 u r-risposta tas-socjeta konvenuta D&S Lifts Maintenance Ltd. datata 23 ta'Frar,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-atturi u r-rapprezentanti tas-socjeta konvenuta;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda l-garanzija fuq 'lift' stallat fi blokk t'appartamenti u minn meta bdiet tkun effettiva tali garanzija u konsegwentement min irid ihallas ghal 'motherboard' tal-'lift' lit rid tinbidel;

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-atturi kellhom kull dritt jipprocedu quddiem dan it-Tribunal u ma tressqet ebda prova daparti tas-socjeta konvenuta in sostenn tal-ewwel eccezzjoni taghha;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li l-'lift' ma hadimx dejjem kif suppost u l-problemi kienu anki ftit wara li dan il-'lift' gie certifikat;

Illi fil-fatt l-istess socjeta konvenuta f'ebda hin ma kkontestat dak allegat mill-atturi f'dan ir-rigward;

Illi min-naha l-ohra, l-pendenza bejn il-partijiet hi dwar il-'motherboard' tal-'lift' lit rid tinbidel;

Illi l-atturi ma ppruvawx li l-'motherboard' kienet difettuza fil-perjodu tal-garanzija u ghalhekk ma giex ippruvat li kien hemm xi nuqqas ta' konformita ma' dak mibjugh;

Illi ma giex ippruvat li meta ma hadimx il-'lift', dan kien b'kawza tal-'motherboard';

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi l-garanzija fuq il-'motherboard' u fuq il-kumplament tal-'lift' bdiet tkun effettiva minn meta l-'lift' gie certifikat;

Illi billi l-linja tat-telefon kienet ghadha mhix imqabbda fil-'lift', dan ma jirrendihx mhux funzjonabbli tant li gie anki certifikat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tal-atturi u Jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta D&S Lifts Maintenance Ltd. fis-sens li ghadda l-perjodu tal-garanzija fuq il-bdil tal-'motherboard', b'kull parti thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru